ISSN 1977-074X

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 325

Edizzjoni bil-Malti — Leġiżlazzjoni

Volum 54

8 ta' Diċembru 2011

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2011 tal-5 ta' Diċembru 2011 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda** ........ 1

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1272/2011 tal-5 ta' Diċembru 2011 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda** ........ 3

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1273/2011 tas-7 ta' Diċembru 2011 li jiftaħ u li jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti ta' tariffi għall-importazzjoni ta' ross u ross miksur** ........ 6

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1274/2011 tas-7 ta' Diċembru 2011 dwar programm multiannwali tal-Unjoni kkoordinat u ta' kontroll għall-2012, l-2013 u l-2014 biex tiġi żgurata konformità mal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi ġo u fuq ikel li joriġina mill-pjanti u mill-annimali u biex jivvaluta l-esponiment tal-konsumatur għalihom** [1] ........ 24

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1275/2011 tas-7 ta' Diċembru 2011 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ........ 44

Prezz: EUR 4

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

III *Atti oħrajn*

★ **Deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA Nru 34/10/COL tat-3 ta' Frar 2010 li temenda, għad-79 darba, ir-regoli ta' proċedura u ta' sustanza fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat billi tintroduċi Kapitolu ġdid dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat b'relazzjoni mal-implimentazzjoni veloċi tan-netwerks bil-broadband** ...... 46

---

**Rettifika**

**Rettifika għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1270/2011 tas-6 ta' Diċembru 2011 li jistipula perċentwali ta' aċċettazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzji tal-esportazzjoni li jirrifjuta applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni u li jissospendi t-tressiq tal-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni għal zokkor 'il barra mill-kwota** (ĠU L 324, 7.12.2011) ...... 63

★ **Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2011/734/UE indirizzata lill-Greċja bil-għan li ssaħħaħ u tapprofondixxi s-sorveljanza fiskali u li tavża lill-Greċja biex tieħu miżuri għat-tnaqqis tad-defiċit liema miżuri huma meqjusa neċessarji sabiex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv** (ĠU L 320, 3.12.2011) ...... 63

MT

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1271/2011

**tal-5 ta' Diċembru 2011**

**dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1], u speċjalment Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa neċessarju li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi, fuqha, jew li żżid kwalunkwe suddiviżjoni magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bil-għan li jiġu applikati tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ ta' prodotti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti msemmija fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jkun stipulat li informazzjoni tariffarja li torbot u li nħarġet mill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li mhijiex skont dan ir-Regolament, tkun tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tibqa' tkun invokata mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità [2].

(5) Il-Kumitat tal-Kodiċi Doganali ma ppubblikax opinjoni fi ħdan il-limitu ta' ħin stabbilit mill-President tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella kif imniżżla fl-Anness għandhom ikunu klassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

*Artikolu 2*

Informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tista' tibqa' tiġi invokata għal perjodu ta' tliet xhur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

[2] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jkun vinkolanti fit-totalitá tiegħu, u direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Diċembru 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Algirdas ŠEMETA
*Membru tal-Kummissjoni*

---

*ANNESS*

| Deskrizzjoni tal-prodotti | Klassifikazzjoni (Kodiċi NM) | Raġunijiet |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| Il-prodott huwa trab kannella li jagħti fl-isfar li jikkonsisti fi (% bil-piż):<br><br>Fibra tad-dieta/tal-ikel 66,1<br>(li minnha fibra mhux maħduma 15,2)<br>proteini 18,8<br>umdità 7,5<br>irmied 2,3<br>xaħam 0,2<br><br>Il-prodott huwa residwu veġetali solidu miksub mis-sojja wara l-estrazzjoni taż-żejt u t-tneħħija parzjali tal-proteini, segwit mit-tnixxif u t-tħin. Il-prodott għandu l-karatteristiċi tad-dqiq mhux maħdum.<br><br>Il-prodott huwa prodott sekondarju tal-produzzjoni ta' konċentrati u iżolati tal-proteini tas-sojja u b'riżultat ta' dan għandu kontenut imnaqqas ta' proteini.<br><br>Il-prodott huwa użat għat-tisħiħ ta' preparati tal-ikel u prodotti tal-għalf tal-annimali. Il-prodott huwa ppreżentat f'boroż ta 25 kg. | 2304 00 00 | Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u mil-lingwaġġ tal-kodiċi NM 2304 00 00.<br><br>Għalkemm il-prodott huwa użat fl-industrija tal-ikel, m'huwiex preparat tal-ikel li huwa konformi mal-karatteristiċi deskritti taħt l-intestatura 1901 jew preparat tal-ikel li mhux speċifikat jew inkluż x'imkien ieħor taħt l-intestatura 2106. Għalhekk, il-klassifikazzjoni taħt l-intestaturi 1901 u 2106 hija eskluża.<br><br>Peress li l-prodott huwa kompost minn residwi u skart varju meħud minn materjali veġetali użati minn industriji li jippreparaw l-ikel bħal għalf tal-annimali u għall-konsum uman, għandu jiġi kklassifikat f'Kapitolu 23 (ara n-Noti ta' Spjega tas-Sistema Armonizzata tal-Kapitolu 23, Ġenerali, l-ewwel paragrafu).<br><br>Il-prodott għandu għalhekk jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 2304 00 00 bħala residwi solidi oħra li jirriżultaw mill-estrazzjoni taż-żejt tas-sojja. |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1272/2011

## tal-5 ta' Diċembru 2011

## dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ([1]), u speċjalment Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa neċessarju li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi, fuqha, jew li żżid kwalunkwe suddiviżjoni magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bil-għan li jiġu applikati tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ ta' prodotti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti msemmija fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jkun stipulat li tagħrif tariffarju vinkolanti u li jkun inħareġ mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li hu marbut mal-klassifikazzjoni tal-prodotti fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li mhuwiex skont dan ir-Regolament jista', għal perjodu ta' tliet xhur, ikompli jkun invokat mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità ([2]).

(5) Il-miżuri msemmija f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella kif imniżżla fl-Anness għandhom ikunu klassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

*Artikolu 2*

Tagħrif tariffarju vinkolanti maħruġ mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li ma jikkonformax ma' dan ir-Regolament, jista' jibqa' jiġi invokat għal perjodu ta' tliet xhur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Diċembru 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Algirdas ŠEMETA
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

([2]) ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

*ANNESS*

| Deskrizzjoni tal-prodotti | Klassifikazzjoni Kodiċi NM | Raġunijiet |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| 1. Preparazzjoni ta' taħwir komposta minn taħlita ta' sustanzi fragranti (karvakrol, ċinnamaldeid u oleoreżina tal-kapsiku) u xaħam veġetali idroġenizzat (mikro-inkapsulament).<br><br>Il-prodott huwa użat fl-industrija tal-għalf tal-annimali biex itejjeb it-togħma tal-għalf fi kwantitajiet ta' 75 g sa 300 g/1 000 kg ta' għalf għal annimali monogastriċi. | 3302 90 90 | Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1, 3(a) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, min-Nota 1 tal-Kapitolu 23, min-Nota 2 tal-Kapitolu 33 u mill-kliem tal-kodiċi NM 3302, 3302 90 u 3302 90 90.<br><br>Il-prodott jikkonsisti f'sustanzi fragranti fi ħdan is-sens tan-Nota 2 tal-Kapitolu 33.<br><br>Għalkemm il-prodott huwa maħsub li jkun użat fl-għalf tal-annimali bħala taħlita minn qabel ta' sustanzi li jiftħu l-aptit, żamm il-karatteristiċi meħtieġa tal-materjal oriġinali (sustanzi fragranti). Il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 2309 bħala preparazzjoni użata fl-għalf tal-annimali hija eskluża skont in-Nota 1 tal-Kapitolu 23.<br><br>Peress li l-prodott għandu jiġi kkunsidrat bħala taħlita ta' sustanza fragranti waħda jew aktar imħallta ma' ġarrier miżjud, taqa' taħt l-intestatura 3302 (ara wkoll l-ewwel paragrafu, punt (6), tan-Noti ta' Spjega tas-Sistema Armonizzata (Harmonized System Explanatory Notes, HSEN) tal-intestatura 3302)<br><br>Għaldaqstant għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 3302 90 90. |
| 2. Preparazzjoni ta' taħwir komposta minn oleoreżina tal-kapsiku fix-xaħam veġetali idroġenizzat (mikro-inkapsulament) bil-metilċellu-ložju tal-idrossipropil bħala materjal li jgħaqqad.<br><br>Il-prodott huwa użat fl-industrija tal-għalf tal-annimali biex itejjeb it-togħma tal-għalf fi kwantitajiet ta' 12,5 g sa 50 g/1 000 kg ta' għalf għal annimali ruminanti. | 3302 90 90 | Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1, 3(a) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, min-Nota 1 tal-Kapitolu 23, min-Nota 2 tal-Kapitolu 33 u mill-kliem tal-kodiċi NM 3302, 3302 90 u 3302 90 90.<br><br>Il-prodott jikkonsisti f'sustanza fragranti fi ħdan is-sens tan-Nota 2 tal-Kapitolu 33.<br><br>Għalkemm il-prodott huwa maħsub li jkun użat fl-għalf tal-annimali bħala taħlita minn qabel ta' sustanzi li jiftħu l-aptit, żamm il-karatteristiċi meħtieġa tal-materjal oriġinali (sustanzi fragranti). Il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 2309 bħala preparazzjoni użata fl-għalf tal-annimali hija eskluża skont in-Nota 1 tal-Kapitolu 23.<br><br>Peress li l-prodott għandu jiġi kkunsidrat bħala taħlita ta' sustanza fragranti waħda jew aktar mħallta ma' ġarrier miżjud, taqa' taħt l-intestatura 3302 (ara wkoll l-ewwel paragrafu, punt (6), tan-Noti ta' Spjega tas-Sistema Armonizzata (Harmonized System Explanatory Notes, HSEN) tal-intestatura 3302)<br><br>Għaldaqstant għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 3302 90 90. |
| 3. Preparazzjoni ta' taħwir komposta minn taħlita ta' sustanzi fragranti (ċinnamaldeid, ewġenol) fuq irfid tas-silika, fiċ-ċellulożju u l-metilċellu-ložju (mikro-inkapsulament). | 3302 90 90 | Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1, 3(a) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, min-Nota 1 tal-Kapitolu 23, min-Nota 2 tal-Kapitolu 33 u mill-kliem tal-kodiċi NM 3302, 3302 90 u 3302 90 90. |

| (1) | (2) | (3) |
|---|---|---|
| Il-prodott huwa użat fl-industrija tal-għalf tal-annimali biex itejjeb it-togħma tal-għalf fi kwantitajiet ta' 12,5 g sa 50 g/1 000 kg ta' għalf għal baqar tal-ħalib. | | Il-prodotti jikkonsistu f'sustanzi fragranti fi ħdan is-sens tan-Nota 2 tal-Kapitolu 33.<br><br>Għalkemm il-prodott huwa maħsub li jkun użat fl-għalf tal-annimali bħala taħlita minn qabel ta' sustanzi li jiftħu l-aptit, żamm il-karatteristiċi meħtieġa tal-materjal oriġinali (sustanzi fragranti). Il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 2309 bħala preparazzjoni użata fl-għalf tal-annimali hija eskluża skont in-Nota 1 tal-Kapitolu 23.<br><br>Peress li l-prodott għandu jiġi kkunsidrat bħala taħlita ta' sustanza fragranti waħda jew aktar mħallta ma' ġarrier miżjud, taqa' taħt l-intestatura 3302 (ara wkoll l-ewwel paragrafu, punt (6), tan-Noti ta' Spjega tas-Sistema Armonizzata (Harmonized System Explanatory Notes, HSEN) tal-intestatura 3302)<br><br>Għaldaqstant għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 3302 90 90. |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1273/2011

## tas-7 ta' Diċembru 2011

## li jiftaħ u li jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti ta' tariffi għall-importazzjoni ta' ross u ross miksur

## (kodifikazzjoni)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1095/96 tat-18 ta' Ġunju 1996 dwar l-implimentazzjoni tal-konċessjonijiet stabbiliti fl-Iskeda CXL ifformolata wara l-konkużjoni tan-negozjati tal-GATT XXIV6 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 1 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/317/KE tat-13 ta' Mejju 1996 dwar il-konklużjoni tar-riżultati tal-konsultazzjonijiet mat-Tajlandja bi qbil mal-Artikolu XXIII tal-GATT ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 327/98 ta' fl-10 ta' Frar 1998. li jiftaħ u li jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti ta' tariffi għall-importazzjoni ta' ross u ross miksur ([3]) ġie emendat kemm-il darba ([4]) b'mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmi Regolament għandu jiġi kkodifikat.

(2) Taħt n-negozjati konklużi bi qbil mal-Artikolu XXIV(6) tal-GATT wara l-adeżjoni tal-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja fil-Komunità Ewropea, ġie miftiehem li mill-1 ta' Jannar 1996 tinfetaħ kwota annwali ta' importazzjoni għal63 000 tunnellata ta' ross nofsu mitħun u ross mitħun għal kollox kopert bil-kodiċi NM 1006 30 ta' bla dazju. Dik il-kwota ġiet inkluża fil-lista tal-Komunità Ewropea li għaliha hemm provdut fl-Artikolu II(1)(a) tal-GATT 1994.

(3) Taħt il-konsultazzjonijiet mat-Tajlandja bi qbil mal-Artikolu XXIII tal-GATT, ġie miftiehem li tinfetaħ kwota annwali ta' importazzjoni għal 80 000 tunnellata ta' ross miksur kopert bil-kodiċi NM 1006 40 00 b'dazju ta' importazzjoni imnaqqas b'EUR 28 għal kull tunnellata.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/953/KE tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar il-konklużjoni ta' ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u t-Tajlandja skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT 1994 dwar il-modifika ta' konċessjonijiet fir-rigward tar-ross previsti fl-Iskeda CXL tal-KE annessa mal-GATT 1994 ([5]) tipprovdi għall-ftuħ ta' kwota ta' importazzjoni annwali globali ġdida ta' 13 500 tunnellata ta' ross nofsu mitħun jew mitħun li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1006 30 mingħajr dazju u żieda fil-kwota annwali ta' importazzjoni għal ross miksur li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1006 40 00 sa 100 000 tunnellata.

(5) Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tat-Tajlandja skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 marbuta mal-modifikazzjoni ta' konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvija, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka waqt li kienu qed jissieħbu fl-Unjoni Ewropea ([6]), approvat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/324/KE ([7]), jaħseb għal żieda fil-kwota tat-tariffa globali annwali mingħajr l-ebda dazju għar-ross mitħun għal kollox u nofsu mitħun kopert bil-kodiċi tan-NM 1006 30 ta' 25 516 tunnellata għall-oriġini kollha u ta' 1 200 tunnellata għat-Tajlandja. Jipprovdi wkoll għall-ftuħ ta' kwota tat-tariffa addizzjonali mingħajr l-ebda dazju ta' 31 788 tunnellata ta' ross maqsum kopert bil-kodiċi tan-NM 1006 40 għall-oriġini kollha, u għal kwoti ġodda b'dazju validu ta' 15 % għall-oriġini kollha ta' 7 tunnellati ta' għalqa tar-ross koperti bil-kodiċi tan-NM 1006 10 u 1 634 tunnellata ta' ross bil-qoxra kopert bil-kodiċi tan-NM 1006 20.

(6) L-impenni għall-kwoti tariffarji għall-importazzjoni annwali msemmija fl-Artikolu 1(1)(a), (c) u (d) ta' dan ir-Regolament jipprovdu li l-amministrazzjoni ta' dawk il-kwoti tagħti kas tal-forrnituri tradizzjonali.

(7) Sabiex importazzjonijiet taħt dawk il-kwoti ma jitħallewx jikkawżaw disturb għall-*marketing* normali ta' ross imkabbar fl- Unjoni, importazzjonijiet bħal dawn għandhom jiġu mifruxin fuq is-sena sabiex ikunu jistgħu jiġu assorbiti aktar faċilment mis-suq tal-Unjoni.

(8) Sabiex ikun hemm amministrazzjoni tajba tal-kwoti u b'mod partikolari sabiex jiġi żgurat li l-kwantitajiet stabbiliti ma jiġux maqbuża, għandhom jiġu stabbiliti regoli dettaljati speċjali biex ikopru s-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet u l-ħruġ tal-liċenzji. Regoli dettaljati bħal dawn għandhom jew jissupplimentaw jew jidderogaw mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 376/2008 tat-23 ta' April 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni u ta' ċertifikati ta' iffissar bil-quddiem għalprodotti agrikoli ([8]).

([1]) ĠU L 146, 20.6.1996, p. 1.
([2]) ĠU L 122, 22.5.1996, p. 15.
([3]) ĠU L 37, 11.2.1998, p. 5.
([4]) Ara l-Anness X.
([5]) ĠU L 346, 29.12.2005, p. 24.
([6]) ĠU L 120, 5.5.2006, p. 19.
([7]) ĠU L 120, 5.5.2006, p. 17.
([8]) ĠU L 114, 26.4.2008, p. 3.

(9) Għandu jiġi stipulat li r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1342/2003 tat-28 ta' Lulju 2003 li jistabbilixxi regoli speċjali u dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzji tal-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' ċereali u ross ([1]) u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi fuq l-importazzjoni għal prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni ([2]) japplikaw fil-qafas ta' dan ir-Regolament.

(10) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Il-kwoti li ġejjin tat-tariffa globali annwali b'dan qed jinfetħu fl-1 ta' Jannar ta' kull sena:

(a) 63 000 tunnellata ta' ross mitħun għal kollox jew nofsu mitħun koperti bil-kodiċi tan-NM 1006 30, mingħajr l-ebda dazju;

(b) 1 634 tunnellata ta' ross bil-qoxra kopert bil-kodiċi tan-NM 1006 20 b'dazju *ad valorem* stabbilit għal 15 %;

(c) 100 000 tunnellata ta' ross maqsum kopert bil-kodiċi tan-NM 1006 40 00, bi tnaqqis ta' 30,77 % fid-dazju stabbilit fl-Artikolu 140 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 ([3]);

(d) 40 216 tunnellata ta' ross mitħun kollu jew nofsu mitħun kopert bil-kodiċi tan-NM 1006 30, bl-ebda dazju;

(e) 31 788 tunnellata ta' ross maqsum kopert bil-kodiċi tan-NM 1006 40 00, bl-ebda dazju.

Dawk il-kwoti tariffarji għall-importazzjoni globali huma mqassma fi kwoti tariffarji għall-importazzjoni għal kull pajjiż ta' oriġini u mqassma f'diversi sub-perijodi b'mod konformi mal-Anness I.

Ir-Regolamenti (KE) Nru 1342/2003, (KE) Nru 1301/2006 u (KE) Nru 376/2008 għandhom japplikaw għall-kwoti msemmija fl-ewwel subparagrafu, ħlief jekk ikun hemm xi dispożizzjonijiet kontrarji stabbiliti f'dan ir-Regolament.

2. Kwota annwali ta' 7 tunnellati ta' għalqa tar-ross koperta bil-kodiċi tan-NM 1006 10, b'dazju *ad valorem* stabbilit għal 15 %, għandha tinfetaħ fl-1 ta' Jannar ta' kull sena taħt in-numru tal-ordni 09.0083.

Għandha titmexxa mill-Kummissjoni skont l-Artikoli 308a, 308b u 308c tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 ([4]).

*Artikolu 2*

Il-kwantitajiet li għalihom ma nħarġux liċenzji għall-importazzjoni għall-kwoti stabbiliti fil-paragrafi (a), (b) u (e) tal-Artikolu 1(1) għas-sub-perijodu tax-xahar ta' Settembru jistgħu jintużaw għal rikjesti għal-liċenzji għall-importazzjoni għas-sub-perijodu tax-xahar ta' Awwissu, għall-oriġini kollha stabbiliti mill-kwota tariffarja għall-importazzjoni globali.

*Artikolu 3*

Fejn jiġu sottomessi applikazzjonijet għal liċenzji ta' importazzjoni fir-rigward tar-ross u ross miksur li joriġina fit-Tajlandja u ross li joriġina fl-Awstralja jew fl-Istati Uniti skont il-kwantitajiet imsemmija fl-Artikolu 1(1)(a) u (c), dawn għandhom jiġu akkumpanjati mil-liċenzja ta' esportazzjoni oriġinali magħmulha b'mod konformi mal-Annessi II, III u IV u maħruġa mill-korp kompetenti fil-pajjiżi msemmija hemmhekk.

L-annotazzjonijiet fis-sezzjonijiet 7, 8 u 9 tal-Anness II ma għandhomx ikunu obbligatorji.

*Artikolu 4*

1. Ir-rikjesti għal-liċenzji jinġabru matul l-ewwel għaxart ijiem ta' xogħol tal-ewwel xahar ta' kull sub-perijodu.

2. B'deroga mill- Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1342/2003, id-depożitu għal-liċenzi ta' importazzjoni għandu jkun:

— EUR 46 għal kull tunnellata għall-kwoti li għalihom hemm provdut fl-Artikolu 1(1)(a) u (d),

— EUR 5 għal kull tunnellata għall-kwoti li għalihom hemm provdut fl-Artikolu 1(1)(c) u (e).

3. Il-pajjiż ta' oriġini għandu jiddaħħal fis-sezzjoni 8 tal-applikazzjonijiet għal liċenzi u għal liċenzi ta' importazzjoni u l-kelma "iva" għandha tiġi mmarkata b'salib.

Il-liċenzji huma validi biss għall-prodotti li ġejjin mill-pajjiż imniżżel fil-kaxxa 8.

4. Is-sezzjoni 24 tal-liċenzji għandu jkollha waħda mill-annotazzjonijiet li ġejjin:

(a) fil-każ tal-kwota msemmija fl-Artikolu 1(1)(a), waħda mill-annotazzjonijiet imniżżla fl-Anness V;

(b) fil-każ tal-kwota msemmija fl-Artikolu 1(1)(b), waħda mill-annotazzjonijiet imniżżla fl-Anness VI;

(c) fil-każ tal-kwota msemmija fl-Artikolu 1(1)(c), waħda mill-annotazzjonijiet imniżżla fl-Anness VII;

(d) fil-każ tal-kwota msemmija fl-Artikolu 1(1)(d), waħda mill-annotazzjonijiet imniżżla fl-Anness VIII.

(e) fil-każ tal-kwota msemmija fl-Artikolu 1(1)(e), waħda mill-annotazzjonijiet imniżżla fl-Anness IX.

5. B'deroga mill-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, għall-kwoti tariffarji li għandhom x'jaqsmu mar-rikjesti għal-liċenzji għall-importazzjoni stabbiliti fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, l-applikanti jistgħu jippreżentaw aktar minn rikjesta waħda għall-istess numru tal-ordni ta' kwota għal kull sub-perijodu ta' kwota għall-importazzjoni.

([1]) ĠU L 189, 29.7.2003, p. 12.
([2]) ĠU L 238, 1.9.2006. p. 13.
([3]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([4]) ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

*Artikolu 5*

L-allokazzjoni tal-koeffiċjent stabbilit fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, huwa ffissat mill-Kummissjoni fi żmien għaxart ijiem mill-aħħar jum li fih għandu jsir ir-rapport stabbilit fl-Artikolu 8(a) ta' dan ir-Regolament. Fl-istess ħin il-Kummissjoni tistabbilixxi l-kwantitajiet disponibbli għas-sub-perijodu li jmiss u, jekk ikun hemm bżonn, għas-sub-perijodu korrispondenti tax-xahar ta' Ottubru.

Meta l-allokazzjoni tal-koeffiċjent stabbilit fl-ewwel paragrafu jirriżulta fi kwantità waħda jew aktar ta' inqas minn 20 tunnellata għal kull rikjesta, l-attribuzzjoni tat-totalità ta' dawn il-kwantitajiet issir mill-Istat Membru permezz ta' tlugħ bix-xorti fost l-operaturi kkonċernati b'lottijiet ta' 20 tunnellata, miżjud bil-kwantità li jifdal imqassma b'mod ugwali bejn il-lottijiet ta' 20 tunnellata. Għaldaqstant, jekk l-addizzjoni tal-kwantitajiet ta' inqas minn 20 tunnellata ma tippermettix li jsir lott ta' 20 tunnellata, l-attribuzzjoni tal-kwantità li jifdal hija mqassma mill-Istat Membru b'mod ugwali bejn l-operaturi li għandhom liċenzja ta' 20 tunnellata jew aktar.

Jekk wara l-applikazzjoni tat-tieni paragrafu, il-kwantità li għaliha għandha toħroġ il-liċenzja hija inqas minn 20 tunnellata, ir-rikjesta għal-liċenzja tista' tiġi rtirata mill-operatur fi żmien jumejn ta' xogħol mid-data ta' implimentazzjoni tar-Regolament li jistabbilixxi l-allokazzjoni tal-koeffiċjent.

*Artikolu 6*

Fi żmien tlett ijiem ta' xogħol mill-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, li tistabbilixxi l-kwantitajiet disponibbli, stabbilita fl-Artikolu 5, il-liċenzji għall-importazzjoni jiġu maħruġa għall-kwantitajiet li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 5.

*Artikolu 7*

1. Il-punt (d) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008 ma għandux japplika.

2. Il-benefiċji fit-termini tad-dazji doganali li għalihom hemm provdut fl-Artikolu 1(1) ma għandhomx japplikaw għall-kwantitajiet importati taħt it-tolleranza speċifikata taħt l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008.

3. B'deroga mill- Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1342/2003 u skont l-Artikolu 22(2) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008, il-liċenzji tal-importazzjoni għal ross bil-qoxra, nofsu mitħun u mitħun għal kollox għandhom ikunu validi mid-data tal-ħruġ proprja tagħhom sal-aħħar tat-tielet xahar wara dik id-data.

4. Taħt il-kwoti msemmija fl-Artikolu 1(1), il-fatt li l-prodotti jitħallew jidħlu fis-suq liberament fl-Unjoni għandu jkun soġġett għall-preżentazzjoni ta' ċertifikat ta' oriġini maħruġ mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-pajjiż ikkonċernat skont l-Artikolu 47 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

Minkejja dan, fir-rigward ta' dawk il-partijiet tal-kwoti marbuta mal-pajjiżi li għalihom hu meħtieġ ċertifikat tal-oriġini skont l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament jew fir-rigward tal-kwoti li l-oriġini tagħhom hi deskritta bħala "l-pajjiżi kollha", ċertifikat tal-oriġini mhux meħtieġ.

*Artikolu 8*

L-Istati Membri jirrapportaw lill-Kummissjoni b'mod elettroniku:

(a) sa mhux aktar tard mit-tieni jum ta' xogħol wara l-aħħar ġurnata li fiha jiġu ppreżentati r-rikjesti għal-liċenzji fis-18.00 ħin ta' Brussell, l-informazzjoni relatata mar-rikjesti għal-liċenzji għall-importazzjoni, stabbiliti fl-Artikolu 11(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, b'analiżi statistika għal kull kodiċi NM bi tmien ċifri u għal kull pajjiż ta' oriġini tal-kwantitajiet li għalihom saru dawn ir-rikjesti, u għandu jiġi speċifikat in-numru tal-liċenzja għall-importazzjoni kif ukoll in-numru tal-liċenzja għall-esportazzjoni meta dan jiġi mitlub;

(b) sa mhux aktar tard mit-tieni jum ta' xogħol wara l-ħruġ tal-liċenzji għall-importazzjoni, l-informazzjoni dwar il-liċenzji maħruġa, stabbiliti fl-Artikolu 11(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, b'analiżi statistika għal kull kodiċi NM bi tmien ċifri u għal kull pajjiż ta' oriġini tal-kwantitajiet li għalihom inħarġu l-liċenzji għall-importazzjoni, u għandu jiġi speċifikat in-numru tal-liċenzja għall-importazzjoni, kif ukoll il-kwantitajiet li għalihom il-liċenzji ġew irtirati b'mod konformi mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament;

(c) sa mhux aktar tard mill-aħħar jum ta' kull xahar, il-kwantitajiet totali li b'mod effettiv tpoġġew f'ċirkulazzjoni libera b'applikazzjoni tal-kwota kkonċernata matul it-tielet xahar mill-aħħar, b'analiżi statistika għal kull kodiċi NM bi tmien ċifri u għal kull pajjiż ta' oriġini, u għandu jiġi speċifikat il-pakkett jekk għandu tip ta' ppakkjar ta' 5 kg jew inqas. Jekk ma tpoġġa xejn f'ċirkulazzjoni libera matul il-perijodu, jintbagħat rapport "null".

*Artikolu 9*

1. Il-Kummissjoni għandha tikkontrolla l-kwantitajiet ta' oġġetti mportati taħt dan ir-Regolament, b'mod partikolari bil-għan li tistabbilixxi:

(a) kemm huma mibdula ċ-ċirkolazzjonijiet tal-kummerċ tradizzjonali, f'termini ta' volum u preżentazzjoni, għall-Unjoni, u

(b) jekk hemmx sussidju bejn esportazzjonijiet li jibbenefikaw dirattament minn dan ir-Regolament u esportazzjonijiet soġġetti għal ħlas ta' importazzjoni normali.

2. Jekk xi wieħed mill-kriterji stabbiliti fil-punti (a) u (b) ta' paragrafu 1 jiġi sodisfatt, u b'mod partikolari jekk l-importazzjonijiet tar-ross f'pakketti ta' ħames kilogrammi jew inqas jaqbżu l-figura ta' 33 428 tunnellata, u fi kwalunkwe każ fuq bażi annwali, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill akkompanjat, jekk ikun hemm bżonn, bi proposti xierqa sabiex jevitaw disturbi għas-settur tar-ross tal-Unjoni.

3. Kwantitajiet importati f'pakketti tat-tip li hemm referenza għalih fil-paragrafu 2 u rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera għandhom ikunu indikati fil-liċenza ta' importazzjoni relevanti skont l-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 376/2008.

*Artikolu 10*

Ir-Regolament (KE) Nru 327/98 huwa mħassar.

Referenzi għar-Regolament li ġie mħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness XI.

*Artikolu 11*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Diċembru 2011.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS I*

**Kwoti u sub-perijodi b'effett mill-2007**

(a) Kwota ta' 63 000 tunnellata ta' ross mitħun għal kollox jew nofsu mitħun kopert bil-kodiċi tan-NM 1006 30 kif stipulat fl-Artikolu 1(1)(a):

| Oriġini | Kwantità f'tunnellati | Numru tal-ordni | sub-perijodi (kwantitajiet f'tunnellati) | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Jannar | April | Lulju | Settembru | Ottubru |
| L-Istati Uniti | 38 721 | 09.4127 | 9 681 | 19 360 | 9 680 | — | |
| It-Tajlandja | 21 455 | 09.4128 | 10 727 | 5 364 | 5 364 | — | |
| L-Awstralja | 1 019 | 09.4129 | 0 | 1 019 | — | — | |
| Oriġini oħra | 1 805 | 09.4130 | 0 | 1 805 | — | — | |
| Il-pajjiżi kollha | | 09.4138 | | | | | (1) |
| Total | 63 000 | — | 20 408 | 27 548 | 15 044 | — | |

(1) Il-kwantità li jifdal mhix użata fis- sub-perijodi ta' qabel ippubblikata mir-Regolament tal-Kummissjoni.

(b) Kwota ta' 1 634 tunnellata ta' ross bil-qoxra kopert bil-kodiċi tan-NM 1006 20 kif stipulat fl-Artikolu 1(1)(b):

| Oriġini | Kwantità f'tunnellati | Numru tal-ordni | sub-perijodi (kwantitajiet f'tunnellati) | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Jannar | Lulju | Ottubru |
| Il-pajjiżi kollha | 1 634 | 09.4148 | 1 634 | — | (1) |
| Total | 1 634 | — | 1 634 | — | |

(1) Il-kwantità li jifdal mhix użata fis-sub-perijodi ta' qabel ippubblikata permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni.

(c) Kwota ta' 100 000 tunnellata ta' ross maqsum kopert bil-kodiċi tan-NM 1006 40 00 kif stipulat fl-Artikolu 1(1)(c):

| Oriġini | Kwantità f'tunnellati | Numru tal-ordni | sub-perijodi (kwantitajiet f'tunnellati) | |
|---|---|---|---|---|
| | | | Jannar | Lulju |
| It-Tajlandja | 52 000 | 09.4149 | 36 400 | 15 600 |
| L-Awstralja | 16 000 | 09.4150 | 8 000 | 8 000 |
| Guyana | 11 000 | 09.4152 | 5 500 | 5 500 |
| L-Istati Uniti | 9 000 | 09.4153 | 4 500 | 4 500 |
| Oriġini oħra | 12 000 | 09.4154 | 6 000 | 6 000 |
| Total | 100 000 | — | 60 400 | 39 600 |

(d) Kwota ta' 40 216 tunnellata ta' ross mitħun għal kollox jew nofsu mitħun kopert bil-kodiċi tan-NM 1006 30 kif stipulat fl-Artikolu 1(1)(d):

| Oriġini | Kwantità f'tunnellati | Numru tal-ordni | sub-perijodi (kwantitajiet f'tunnellati) | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Jannar | Lulju | Settembru |
| It-Tajlandja | 5 513 | 09.4112 | 5 513 | — | — |
| L-Istati Uniti | 2 388 | 09.4116 | 2 388 | — | — |

| Oriġini | Kwantità f'tunnellati | Numru tal-ordni | sub-perijodi (kwantitajiet f'tunnellati) | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Jannar | Lulju | Settembru |
| L-Indja | 1 769 | 09.4117 | 1 769 | — | — |
| Il-Pakistan | 1 595 | 09.4118 | 1 595 | — | — |
| Oriġini oħra | 3 435 | 09.4119 | 3 435 | — | — |
| Il-pajjiżi kollha | 25 516 | 09.4166 | 8 505 | 17 011 | — |
| Total | 40 216 | — | 23 205 | 17 011 | — |

(e) Kwota ta' 31 788 tunnellata ta' ross maqsum kopert bil-kodiċi tan-NM 1006 40 00 kif stipulat fl-Artikolu 1(1)(e):

| Oriġini | Kwantità f'tunnellati | Numru tal-ordni | sub-perijodi (kwantitajiet f'tunnellati) | |
|---|---|---|---|---|
| | | | Settembru | Ottubru |
| Il-pajjiżi kollha | 31 788 | 09.4168 | 31 788 | ([1]) |
| Total | 31 788 | — | 31 788 | |

([1]) Il-kwantità li jkun fadal li ma tkunx intużat fis-sub-perijodi ta' qabel ippubblikata permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni.

*ANNESS II*

Export Certificate No ..................

**DEPARTMENT OF FOREIGN TRADE**
**MINISTRY OF COMMERCE**
**GOVERNMENT OF THAILAND**
**--------------**

**Export certificate subject to Regulation (EU) No**

Special form either for semi-milled or milled rice (code No 1006 30), husked rice (code No 1006 20), or broken rice (code No 1006 40 00)

| **1. Exporter** (name, address and country) | **2. Importer** (name, address and country) |
|---|---|
| Name:<br>Address:<br>Country: | Name:<br>Address:<br>Country: |

| **3. Shipped per** | **4. Country/Countries of destination in EU** |
|---|---|
| ☐ Conventional<br>☐ Container | |

| **5. Type of Thai rice/HS. Code No** | **6. Weight metric tonnes** | **7. Packing** |
|---|---|---|
| | Gross weight:<br>Net weight: | 5 kg. or less<br>Other |

ORIGINAL

| **8. No and date of Invoice** | **9. No and date of B/L** |
|---|---|
| | |

We hereby certify that abovementioned products are produced in and are exported from Thailand

Department of Foreign Trade

...............................................

Name and Signature of authorized official and stamp

Date of issue ..........................................

THIS CERTIFICATE IS VALID FOR 120 DAYS FROM THE DATE OF ISSUE AND IN ANY CASE ONLY UNTIL 31 DECEMBER OF THE YEAR OF ISSUE

**For use by EU authorities**

No 0001

*ANNESS III*

Export certificate No ..........................

**COMMONWEALTH OF AUSTRALIA**
**REPRESENTED BY THE**
**DEPARTMENT OF PRIMARY INDUSTRIES AND ENERGY**

**EXPORT LICENCE**

for semi-milled or milled rice (code No 1006 30) and husked rice (code No 1006 20)

| 1. **Exporter** | 2. **Importer** |
|---|---|
| Name:<br>Address:<br>Country: | Name:<br>Address:<br>Country: |

| 3. **Country/Countries of destination in EU** | 4. **Type of rice/specification** | 5. **Consignment weight metric tonnes** |
|---|---|---|
| | Milled/Semi-milled (code No 1006 30)<br>Husked/Brown (code No 1006 20) | Net weight: |

Department of Primary Industries and Energy

by its Delegate ........................................................

........................................................................................

Signature

Date of issue ............................................ Date of Expiry ............................................

| **For use by EU authorities** |
|---|
| |

*ANNESS IV*

WARNING! ORIGINAL DOCUMENT HAS MULTIPLE SECURITY FEATURES

**EXPORT CERTIFICATE NO.** 1000

## UNITED STATES OF AMERICA

## ASSOCIATION FOR THE ADMINISTRATION OF RICE QUOTAS, INC.

## CERTIFICATE OF EU QUOTAS ALLOCATION

**FOR SEMI-MILLED OR MILLED RICE (CODE NO. 100630) OR HUSKED/BROWN RICE (CODE NO. 100620)**

**This certificate allocates to the person named below or its transferee the right to export U.S.-produced rice from the United States under European Union tariff-rate quotas, as specified below.**

**ISSUED TO**

NAME:

ADDRESS:

**TYPE OF RICE:**

☐ MILLED/SEMI-MILLED (CODE 100630)

☐ HUSKED/BROWN (CODE 100620)

**CONSIGNMENT NET WEIGHT:**

METRIC TONS

**IMPORTER:**
(To be completed by importer at time of EU customs clearance)

NAME:

ADDRESS:

**PACKAGING:**
(To be completed by exporter or importer, if applicable)

☐ packages of 5 kg or less

DATE ISSUED:

EXPIRATION DATE:

**VOID**

AARQ Administrator

**FOR USE BY EU AUTHORITIES**

WARNING! ORIGINAL DOCUMENT HAS MULTIPLE SECURITY FEATURES

**ASSOCIATION FOR THE ADMINISTRATION OF RICE QUOTAS, INC.**
**CERTIFICATE OF EU QUOTA ALLOCATION — TRANSFER OF OWNERSHIP**

---

**1. TRANSFEROR**

NAME: ____________________

ADDRESS: ____________________

____________________

____________________

BY: ____________________

NAME: ____________________

TITLE: ____________________

DATE: ____________________

**TRANSFEREE**

NAME: ____________________

ADDRESS: ____________________

____________________

____________________

BY: ____________________

NAME: ____________________

TITLE: ____________________

DATE: ____________________

---

**2. TRANSFEROR**

NAME: ____________________

ADDRESS: ____________________

____________________

____________________

BY: ____________________

NAME: ____________________

TITLE: ____________________

DATE: ____________________

**TRANSFEREE**

NAME: ____________________

ADDRESS: ____________________

____________________

____________________

BY: ____________________

NAME: ____________________

TITLE: ____________________

DATE: ____________________

---

**3. TRANSFEROR**

NAME: ____________________

ADDRESS: ____________________

____________________

____________________

BY: ____________________

NAME: ____________________

TITLE: ____________________

DATE: ____________________

**TRANSFEREE**

NAME: ____________________

ADDRESS: ____________________

____________________

____________________

BY: ____________________

NAME: ____________________

TITLE: ____________________

DATE: ____________________

*ANNESS V*

**Annotazzjonijiet stipulati fl-Artikolu 4(4)(a)**

— *bil-Bulgaru:* Освободено от мито до максимално количество, посочено в графи 17 и 18 от настоящата лицензия (Регламент за изпълнение (ЕС) № 1273/2011)

— *bl-Ispanjol:* Exención del derecho de aduana hasta la cantidad indicada en las casillas 17 y 18 del presente certificado [Reglamento de Ejecución (UE) n° 1273/2011]

— *biċ-Ċek:* Osvobozeno od cla až do množství uvedeného v kolonkách 17 a 18 této licence (prováděcí nařízení (EU) č. 1273/2011)

— *bid-Daniż:* Toldfri op til den mængde, der er angivet i rubrik 17 og 18 i denne licens (gennemførelsesforordning (EU) nr. 1273/2011)

— *bil-Ġermaniż:* Zollfrei bis zu der in den Feldern 17 und 18 dieser Lizenz angegebenen Menge (Durchführungsverordnung (EU) Nr. 1273/2011)

— *bl-Estonjan:* Tollimaksuvabastus kuni käesoleva litsentsi lahtrites 17 ja 18 osutatud koguseni (määrus (EL) nr 1273/2011)

— *bil-Grieg:* Δασμολογική ατέλεια μέχρι την ποσότητα που αναγράφεται στις θέσεις 17 και 18 του παρόντος πιστοποιητικού [εκτελεστικός κανονισμός (ΕΕ) αριθ. 1273/2011]

— *bl-Ingliż:* Exemption from customs duty up to the quantity indicated in sections 17 and 18 of this licence (Implementing Regulation (EU) No 1273/2011)

— *bil-Franċiż:* exemption du droit de douane jusqu'à la quantité indiquée dans les cases 17 et 18 du présent certificat [règlement d'exécution (UE) n° 1273/2011]

— *bit-Taljan:* Esenzione dal dazio doganale limitatamente alla quantità indicata nelle caselle 17 e 18 del presente titolo [regolamento di esecuzione (UE) n. 1273/2011]

— *bil-Latvjan:* Atbrīvojums no muitas nodokļa līdz daudzumam, kas norādīts šīs licences 17. un 18. iedaļā (Īstenošanas regula (ES) Nr. 1273/2011)

— *bil-Litwan:* Muitas netaikomas mažesniems kiekiams nei nurodyta šios licencijos 17 ir 18 skiltyse (Reglamentas (ES) Nr. 1273/2011)

— *bl-Ungeriż:* Az ezen engedély 17. és 18. rovatában megjelölt mennyiségig vámmentes (1273/2011/EU végrehajtási rendelet)

— *bil-Malti:* Eżenzjoni mid-dwana sal-kwantità murija fit-taqsimiet 17 u 18 ta' din il-liċenzja (Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011)

— *bl-Olandiż:* Vrijgesteld van douanerecht voor ten hoogste de in de vakken 17 en 18 van dit certificaat vermelde hoeveelheid (Uitvoeringsverordening (EU) nr. 1273/2011)

— *bil-Pollakk:* Zwolnienie z opłaty celnej ilości określonej w polach 17 i 18 niniejszego pozwolenia (rozporządzenie (UE) nr 1273/2011)

— *bil-Portugiż:* Isenção de direito aduaneiro até à quantidade indicada nas casas 17 e 18 do presente certificado [Regulamento de Execução (UE) n.° 1273/2011]

— *bir-Rumen:* Scutit de drepturi vamale până la concurența cantității menționate în căsuțele 17 și 18 din prezenta licență (Regulamentul de punere în aplicare (UE) nr. 1273/2011)

— *bis-Slovakk:* Oslobodenie od cla po množstvo uvedené v kolónkach 17 a 18 tejto licencie (vykonávacie nariadenie (EÚ) č. 1273/2011)

— *bis-Sloven:* Oprostitev carin do količine, navedene v rubrikah 17 in 18 tega dovoljenja (Uredba (EU) št. 1273/2011)

— *bil-Finlandiż:* Tullivapaa tämän todistuksen kohdissa 17 ja 18 esitettyyn määrään asti (täytäntöönpanoasetus (EU) N:o 1273/2011)

— *bl-Iżvediż:* Tullfri upp till den mängd som anges i fält 17 och 18 i denna licens (genomförandeförordning (EU) nr 1273/2011).

*ANNESS VI*

**Annotazzjonijiet stipulati fl-Artikolu 4(4)(b)**

— *bil-Bulgaru:* Мита, ограничени до 15 % *ad valorem* до максимално количество, посочено в графи 17 и 18 от настоящата лицензия (Регламент за изпълнение (ЕС) № 1273/2011)

— *bl-Ispanjol:* Derechos de aduana limitados al 15 % *ad valorem* hasta la cantidad indicada en las casillas 17 y 18 del presente certificado [Reglamento de Ejecución (UE) nº 1273/2011]

— *biċ-Ċek:* Cla omezená na valorickou sazbu ve výši 15 % až do množství uvedeného v kolonkách 17 a 18 této licence (prováděcí nařízení (EU) č. 1273/2011)

— *bid-Daniż:* Toldsatsen begrænses til 15 % af værdien op til den mængde, der er angivet i rubrik 17 og 18 i denne licens (gennemførelsesforordning (EU) nr. 1273/2011)

— *bil-Ġermaniż:* Zollsatz beschränkt auf 15 % des Zollwerts bis zu der in den Feldern 17 und 18 dieser Lizenz angegebenen Menge (Durchführungsverordnung (EU) Nr. 1273/2011)

— *bl-Estonjan:* Väärtuseline tollimaks piiratud 15 protsendini käesoleva sertifikaadi lahtrites 17 ja 18 märgitud kogusteni (määrus (EL) nr 1273/2011)

— *bil-Grieg:* Δασμός με όριο 15 % κατ' αξία μέχρι την ποσότητα που αναγράφεται στις θέσεις 17 και 18 του παρόντος πιστοποιητικού (εκτελεστικός κανονισμός (ΕΕ) αριθ. 1273/2011)

— *bl-Ingliż:* Customs duties limited to 15 % *ad valorem* up to the quantity indicated in boxes 17 and 18 of this licence (Implementing Regulation (EU) No 1273/2011)

— *bil-Franċiż:* droits de douane limités à 15 % ad valorem jusqu'à la quantité indiquée dans les cases 17 et 18 du présent certificat [règlement d'exécution (UE) nº 1273/2011]

— *bit-Taljan:* Dazio limitato al 15 % ad valorem fino a concorrenza del quantitativo indicato nelle caselle 17 e 18 del presente titolo [regolamento di esecuzione (UE) n. 1273/2011]

— *bil-Latvjan:* Muitas nodoklis 15 % *ad valorem* par daudzumu, kas norādīts šīs licences (Īstenošanas regula (ES) Nr. 1273/2011) 17. un 18. ailē

— *bil-Litwan:* Ne didesnis nei 15 % muitas *ad valorem* neviršijant šios licencijos 17 ir 18 skiltyse nurodyto kiekio (Reglamentas (ES) Nr. 1273/2011)

— *bl-Ungeriż:* 15 %-os értékvám az ezen engedély 17. és 18. rovatában feltüntetett mennyiségig (1273/2011/EU végrehajtási rendelet)

— *bil-Malti:* Id-dazji doganali huma stipulati għal 15 % *ad valorem* sal-kwantità indikata fil-kaxxi 17 u 18 ta' din il-liċenzja (Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011)

— *bl-Olandiż:* Douanerecht beperkt tot 15 % ad valorem voor hoeveelheden die niet groter zijn dan de in de vakken 17 en 18 van dit certificaat vermelde hoeveelheid (Uitvoeringsverordening (EU) nr. 1273/2011)

— *bil-Pollakk:* Cło ograniczone do 15 % *ad valorem* do ilości wskazanej w polach 17 i 18 niniejszego pozwolenia (rozporządzenie (UE) nr 1273/2011)

| Fenpropimorf | | (e) | (f) | Definizzjoni tar-residwu: aċidu karbossiliku fenpropimorf (BF 421-2) espress bħala fenpropimorf.<br>Irid jiġi analizzat fuq bażi volontarja fil-laħam tal-majjal fl-2013. |
| Fention | (d) | (e) | (f) | Definizzjoni tar-residwu: is-somma tal-fention u l-analogu tal-ossiġenu tiegħu, is-sulfossidi u s-sulfon tagħhom espressa bħala prekursur (F). |
| Fenvalerat/Esfenvalerat | (d) | (e) | (f) | |
| Fluważifop | | (e) | (f) | Definizzjoni tar-residwu: fluważifop-P-butil (aċidu tal-fluważifop (ħieles u konjugat)).<br>Irid jiġi analizzat fuq bażi volontarja fil-ħalib fl-2013. |

| | 2012 | 2013 | 2014 | Kummenti |
|---|---|---|---|---|
| Flukwinkonażol | ([d]) | ([e]) | ([f]) | Nota ([g])<br>Iridu jiġu analizzati fuq bażi volontarja fil-butir fl-2012. |
| fluwopiram | | ([e]) | ([f]) | Nota ([g]) |
| Flurossipir | | | ([f]) | |
| Flusilażol | | ([e]) | ([f]) | Mhux rilevanti għall-prodotti 2012.<br>Definizzjoni tar-residwu: is-somma ta' flusilażol u l-metabolit tiegħu IN-F7321 ([bis-(4-fluworofenil)metil]silanol) espressa bħala flusilażol (F).<br>Irid jiġi analizzat fuq bażi volontarja fil-laħam tal-majjal fl-2013. |
| Glufosinatammonju | | | ([f]) | Mhux rilevanti għall-prodotti 2012/2013.<br>Definizzjoni tar-residwu: is-somma tal-glufosinat, l-imluħ tiegħu, MPP u NAG espressi bħala ekwivalenti ta' glufosinat.<br>Għandhom jiġu analizzati fuq bażi volontarja fl-2014. |
| Glifosat | | | ([f]) | Mhux rilevanti għall-prodotti 2012/2013.<br>Għandhom jiġu analizzati fuq bażi volontarja fl-2014. |
| Alossifop | ([d]) | ([e]) | ([f]) | Nota ([g])<br>Definizzjoni tar-residwu: alossifop-R u konjugati ta' alossifop-R espressi bħala alossifop-R (F).<br>Irid jiġi analizzat fuq bażi volontarja fil-butir (2012) u fil-ħalib (2013). |
| Eptaklor | ([d]) | ([e]) | ([f]) | Definizzjoni tar-residwu: is-somma ta' eptaklor u eptaklor epossidu espressa bħala eptaklor. |
| Eżaklorobenżen | ([d]) | ([e]) | ([f]) | |
| Eżaklorċikloeżan (HCH), Isomeru Alfa | ([d]) | ([e]) | ([f]) | |
| Eżaklorċikloeżan (HCH), Isomeru Beta | ([d]) | ([e]) | ([f]) | |
| Eżaklorċikloeżan (HCH), (Isomeru Gamma) (Lindan) (F) | ([d]) | ([e]) | ([f]) | |
| Indossakarb | ([d]) | ([e]) | ([f]) | Nota ([g])<br>Definizzjoni tar-residwu: indossakarb bħala s-somma tal-isomeri S u R<br>Irid jiġi analizzat fuq bażi volontarja fil-butir (2012) u fil-ħalib (2013). |
| Jossinil | | ([e]) | ([f]) | Definizzjoni tar-residwu: is-somma ta' Jossinil, l-imluħ tiegħu u l-esteri tiegħu, espressa bħala jossinil (F)<br>Irid jiġi analizzat fuq bażi volontarja fil-laħam tal-majjal fl-2013. |
| Idrażide maleika | ([d]) | ([e]) | ([f]) | Nota ([g])<br>Għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib id-definizzjoni tar-residwu hija idrażide maleika u l-konjugati tagħha definiti bħala idrażide maleika.<br>Iridu jiġu analizzati fuq bażi volontarja fil-ħalib tal-baqar fl-2013.<br>Irid jiġi analizzat fuq bażi volontarja fil-bajd fl-2012. |

| | 2012 | 2013 | 2014 | Kummenti |
|---|---|---|---|---|
| Mepikwat | | | (f) | Mhux rilevanti għall-prodotti 2012/2013.<br>Għandhom jiġu analizzati fuq bażi volontarja fl-2014. |
| Metaflumiżon | (d) | (e) | (f) | Nota (g)<br>Definizzjoni tar-residwu: is-somma ta' u isomeri E u Z.<br>Iridu jiġu analizzati fuq bażi volontarja fil-bjad fl-2012. |
| Metażaklor | | | (f) | Mhux rilevanti għall-prodotti 2012/2013.<br>Definizzjoni tar-residwu: metażaklor inklużi l-prodotti ta' degradazzjoni u ta' reazzjoni, li jistgħu jkunu ddeterminati bħala 2,6-dimetilanilina, ikkalkulat fit-total bħala metażaklor |
| Metidation | (d) | (e) | (f) | |
| Metossiklor | (d) | (e) | (f) | |
| Paration | (d) | (e) | (f) | |
| Paration-Metil | (d) | (e) | (f) | Definizzjoni tar-residwu: is-somma ta' Paration-Metil u Paraosson-Metil espressa bħala Paration-Metil. |
| Permetrin | (d) | (e) | (f) | Definizzjoni tar-residwu: is-somma taċ-ċispermetrin u t-transpermetrin. |
| Pirimifosmetil | (d) | (e) | (f) | |
| Prokloraż | | (e) | (f) | Definizzjoni tar-residwu: is-somma ta' Prockloraż + il-metaboliti tiegħu li fihom il-frazzjoni 2,4,6-Triklorofenol espress bħala Procloraż.<br>Irid jiġi analizzat fuq bażi volontarja fil-laħam tal-majjal fl-2013. |
| Profenofos | (d) | (e) | (f) | |
| Protiokonażol | | | (f) | Mhux rilevanti għall-prodotti 2012/2013.<br>Definizzjoni tar-residwu: Protiokonażoldestio. |
| Pirażofos | (d) | (e) | (f) | |
| Piridat | | | (f) | Mhux rilevanti għall-prodotti 2012/2013.<br>Definizzjoni tar-residwu: is-somma ta' piridat, il-prodott tal-idroliżi tiegħu CL 9673 (6-kloro-4-idrossi-3-fenilpiridażin) u konjugati idrolizzabbli ta' CL 9673 espressa bħala piridat. |
| Resmetrina | (d) | (e) | (f) | Definizzjoni tar-residwu: is-somma tal-isomeri (F) |
| Spinosad | | | (f) | Mhux rilevanti għall-prodotti 2012/2013.<br>Definizzjoni tar-residwu: is-somma ta' Spinosin A u Spinosin D, espress bħala Spinosad (F). |
| Spirossammina | | (e) | (f) | Definizzjoni tar-residwu: aċidu karbossiliku spirossammina espress bħala spirossammina.<br>Irid jiġi analizzat fuq bażi volontarja fil-ħalib fl-2013. |
| Taw-Fluvalinat | (d) | (e) | (f) | Irid jiġi analizzat fuq bażi volontarja fil-butir (2012) u fil-ħalib (2013) |
| Tebukonażol | | | (f) | Mhux rilevanti għall-prodotti 2012/2013.<br>Iridu jiġu analizzati fuq bażi volontarja fl-2014. |

| | 2012 | 2013 | 2014 | Kummenti |
|---|---|---|---|---|
| Tetrakonażol | ([d]) | ([e]) | ([f]) | Irid jiġi analizzat fuq bażi volontarja fil-butir (2012) u fil-ħalib (2013). |
| Tiakloprid | | | ([f]) | Mhux rilevanti għall-prodotti 2012/2013.<br>Iridu jiġu analizzati fuq bażi volontarja fl-2014. |
| Toprameżon | | | ([f]) | Nota ([g])<br>Mhux rilevanti għall-prodotti 2012/2013.<br>Definizzjoni tar-residwu: BAS 670H. |
| Triażofos | ([d]) | ([e]) | ([f]) | |

([a]) Fażola fil-miżwed (friska jew iffriżata), karrotti, ħjar, larinġ jew mandolin, lanġas, patata, ross, spinaċi (frisk jew iffriżat)) u dqiq tal-qamħ.
([b]) Brunġiel, banana, pastard jew brokkli, għeneb għall-ikel, meraq tal-larinġ, piżelli mingħajr miżwed (friski jew iffriżati), bżar (ħelu) qamħ u żejt taż-żebbuġa verġni (fattur tal-ipproċessar taż-żejt = 5, filwaqt li titqies ir-rendita standard tal-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa ta' 20 % tal-ħsad taż-żebbuġ).
([c]) Tuffieħ, kaboċċi tar-ras, kurrat, ħass, tadam, ħawħ inkluż in-nuċiprisk u ibridi simili; segala jew ħafur, frawli u għeneb għall-inbid (aħmar jew abjad).
([d]) Butir, bajd tat-tiġieġ.
([e]) Ħalib tal-baqar, laħam tal-majjal.
([f]) Laħam tat-tjur, fwied (bovini u ruminanti oħra, majjali u tjur).
([g]) Iridu jiġu analizzati fuq bażi volontarja fl-2012.
([h]) Sustanzi b'definizzjoni tar-residwu diffiċli. Il-laboratorji uffiċjali għandhom janalizzawhom għad-definizzjoni sħiħa tar-residwu skont il-kapaċità u r-riżultati tar-rapport kif maqbul fl-SSD.
([i]) Sustanzi mingħajr livell għoli ta' sejbiet skont il-programm ta' kontroll uffiċjali tal-2009. Għandu jiġi analizzat minn dawk il-laboratorji uffiċjali li għandhom il-metodu meħtieġ diġà vvalidat. Għal-laboratorji li ma għandhom l-ebda metodu validu, mhuwiex obbligatorju li jiġi vvalidat metodu fl-2012 u l-2013.

*ANNESS II*

**Għadd ta' kampjuni msemmija fl-Artikolu 1**

(1) L-għadd ta' kampjuni li għandhom jittieħdu u jiġu analizzati minn kull Stat Membru huwa stabbilit fit-tabella fil-punt (5).

(2) Barra mill-kampjuni meħtieġa skont it-tabella fil-punt (5), fl-2012 kull Stat Membru għandu jieħu u janalizza għaxar kampjuni ta' ikel tat-trabi pproċessat b'bażi ta' ċereali.

Barra mill-kampjuni meħtieġa skont dik it-tabella, fl-2013 kull Stat Membru għandu jieħu u janalizza għaxar kampjuni, b'kollox, ta' ikel għat-trabi u għat-tfal iż-żgħar

Barra mill-kampjuni meħtieġa skont dik it-tabella, fl-2014 kull Stat Membru għandu jieħu u janalizza għaxar kampjuni, b'kollox, ta' formuli u formuli ta' prosegwiment għat-trabi.

(3) Kampjun għal kull prodott bażiku li għandu jittieħed u jiġi analizzat skont it-tabella fil-punt (5) għandu jkun, fejn ikun possibbli, minn prodotti li joriġinaw mill-biedja organika.

(4) L-Istati Membri li jużaw metodi ta' analiżi ta' residwi multipli jistgħu jużaw metodi ta' skrining kwalitattiv fuq sa 15 % tal-kampjuni li għandhom jittieħdu u jiġu analizzati skont it-tabella fil-punt (5). Meta Stat Membru juża metodi ta' monitoraġġ kwalitattiv, huwa għandu janalizza l-bqija tal-kampjuni permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi multipli.

Jekk ir-riżultati tal-monitoraġġ kwalitattiv ikunu pożittivi, l-Istati Membri għandhom jużaw metodu fil-mira abitwali biex jikkwantifikaw is-sejbiet.

(5) Numru ta' kampjuni għal kull Stat Membru

| Stat Membru | Kampjuni |
|---|---|
| BE | 12 (*)<br>15 (**) |
| BG | 12 (*)<br>15 (**) |
| CZ | 12 (*)<br>15 (**) |
| DK | 12 (*)<br>15 (**) |
| DE | 93 |
| EE | 12 (*)<br>15 (**) |
| EL | 12 (*)<br>15 (**) |
| ES | 45 |
| FR | 66 |
| IE | 12 (*)<br>15 (**) |
| IT | 65 |
| CY | 12 (*)<br>15 (**) |
| LV | 12 (*)<br>15 (**) |
| LT | 12 (*)<br>15 (**) |
| LU | 12 (*)<br>15 (**) |
| HU | 12 (*)<br>15 (**) |
| MT | 12 (*)<br>15 (**) |
| NL | 17 |
| AT | 12 (*)<br>15 (**) |
| PL | 45 |
| PT | 12 (*)<br>15 (**) |
| RO | 17 |
| SI | 12 (*)<br>15 (**) |
| SK | 12 (*)<br>15 (**) |
| FI | 12 (*)<br>15 (**) |
| SE | 12 (*)<br>15 (**) |
| UK | 66 |

**GĦADD MINIMU TOTALI TA' KAMPJUNI: 642**

(*) Għadd minimu ta' kampjuni għal kull metodu applikat għal residwu uniku.

(**) Għadd minimu ta' kampjuni għal kull metodu applikat għal residwi multipli.

*ANNESS III*

(1) Id-Deskrizzjoni Standard tal-Kampjuni (SSD) għall-ikel u l-għalf huwa l-format ta' rrappurtar tar-riżultati tal-analiżijiet għal residwu tal-pestiċidi.

(2) L-SSD jinkludi lista ta' elementi ta' dejta standardizzati (oġġetti li jiddeskrivu l-karatteristiki tal-kampjuni jew ir-riżultati analitiċi bħall-pajjiż tal-oriġini, il-prodott, il-metodu analitiku, il-limitu tad-detezzjoni, ir-riżultat, eċċ ...), it-terminoloġiji kkontrollati u r-regoli ta' validazzjoni biex tisaħħaħ il-kwalità tad-dejta.

*Tabella 1*

**Lista ta' elementi tad-dejta tad-Deskrizzjoni Standard tal-Kampjuni**

| Il-Kodiċi tal-Element | Isem l-Element | It-Tabella tal-Element | It-Tip ta' dejta [1] | Terminoloġija kkontrollata | Deskrizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| S.01 | labSampCode | Kodiċi tal-kampjun tal-laboratorju | xs:string (20) | | Kodiċi alfanumeriku tal-kampjun analizzat. |
| S.03 | lang | Il-lingwa | xs:string (2) | LANG | Il-lingwa użata biex jimtlew is-sezzjonijiet li ma fihomx test (ISO-639-1). |
| S.04 | sampCountry | Il-pajjiż tat-teħid tal-kampjuni | xs:string (2) | COUNTRY | Il-pajjiż fejn inġabar il-kampjun. (ISO 3166-1-alfa-2). |
| S.06 | origCountry | Pajjiż l-oriġini tal-prodott | xs:string (2) | COUNTRY | Il-pajjiż tal-oriġini tal-prodott (il-kodiċi tal-pajjiż ISO 3166-1-alfa-2). |
| S.13 | prodCode | Il-kodiċi tal-prodott | xs:string (20) | MATRIX | Il-prodott tal-ikel analizzat deskritt skont il-katalogu MATRIX. |
| S.14 | prodText | Deskrizzjoni tat-test sħiħ tal-prodott | xs:string (250) | | Test liberu għad-deskrizzjoni fid-dettall tal-prodott fil-kampjun. Dan l-element isir obbligatorju jekk "il-kodiċi tal-prodott" ikun "XXXXXXA" (Mhux fil-lista). |
| S.15 | prodProdMeth | Il-metodu ta' produzzjoni | xs:string (5) | PRODMD | Kodiċi li jipprovdi tagħrif addizzjonali dwar it-tip ta' produzzjoni għall-ikel li qed jiġi analizzat. |
| S.17 | prodTreat | It-trattament tal-prodott | xs:string(5) | PRODTR | Użat biex jiddeskrivi t-trattamenti jew il-proċessi tal-prodott tal-ikel. |
| S.21 | prodCom | Kumment dwar il-prodott | xs:string (250) | | Informazzjoni addizzjonali dwar il-prodott, partikolarment dettalji ta' preparazzjoni jekk inhuma disponibbli. |

| Il-Kodiċi tal-Element | Isem l-Element | It-Tabella tal-Element | It-Tip ta' dejta (1) | Terminoloġija kkontrollata | Deskrizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| S.28 | sampY | Is-sena tat-teħid tal-kampjuni | xs:decimal (4,0) | | Is-sena tat-teħid tal-kampjun. |
| S.29 | sampM | Ix-xahar tat-teħid tal-kampjuni | xs:decimal (2,0) | | Ix-xahar tat-teħid tal-kampjuni. Jekk il-miżura tkun ir-riżultat ta' teħid ta' kampjuni matul perjodu ta' żmien, din is-sezzjoni għandu jkun fiha x-xahar meta nġabar l-ewwel kampjun. |
| S.30 | sampD | Il-ġurnata tat-teħid tal-kampjuni | xs:decimal (2,0) | | Il-ġurnata tat-teħid tal-kampjuni. Jekk il-miżura tkun ir-riżultat ta' teħid ta' kampjuni matul perjodu ta' żmien, din is-sezzjoni għandu jkun fiha l-ġurnata ta' meta nġabar l-ewwel kampjun. |
| S.31 | progCode | In-numru tal-programm | xs:string (20) | | Il-kodiċi uniku ta' identifikazzjoni tal-mandant tal-programm jew tal-proġett li għalih ittieħed il-kampjun analizzat. |
| S.32 | progLegalRef | Referenza ġuridika għall-programm | xs:string (100) | | Referenza għal-leġiżlazzjoni għall-programm identifikat min-numru tal-programm. |
| S.33 | progSampStrategy | L-istrateġija għat-teħid tal-kampjuni | xs:string (5) | SAMPSTR | Strateġija għat-teħid tal-kampjuni (ref. EUROSTAT - Tipoloġija tal-istrateġija tat-teħid tal-kampjun, verżjoni ta' Lulju 2009) li sar fil-programm jew fil-proġett identifikat mill-kodiċi tal-programm. |
| S.34 | progType | It-tip tal-programm għat-teħid tal-kampjuni | xs:string (5) | SRCTYP | Indika t-tip ta' programm li l-kampjuni nġabru għalih. |
| S.35 | sampMethod | Il-metodu għat-teħid tal-kampjuni | xs:string (5) | SAMPMD | Kodiċi li jiddeskrivi l-metodu għat-teħid tal-kampjuni |
| S.39 | sampPoint | l-punt għat-teħid tal-kampjuni | xs:string (10) | SAMPNT | Punt fil-katina alimentari minn fejn ittieħed il-kampjun. (Doc. ESTAT/F5/ES/155 "Dizzjunarju tad-dejta tal-attivitajiet tal-istabbilimenti"). |
| L.01 | labCode | Il-laboratorju | xs:string (100) | | Kodiċi tal-laboratorju (Kodiċi tal-laboratorju nazzjonali jekk ikun disponibbli). Dan il-kodiċi għandu jkun uniku u konsistenti tul it-trażmissjonijiet. |

| Il-Kodiċi tal-Element | Isem l-Element | It-Tabella tal-Element | It-Tip ta' dejta [1] | Terminoloġija kkontrollata | Deskrizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| L.02 | labAccred | L-akkreditazzjoni tal-laboratorju | xs:string (5) | LABACC | L-akkreditazzjoni tal-laboratorju għal ISO/IEC 17025. |
| R.01 | resultCode | Il-kodiċi tar-riżultat | xs:string (40) | | Numru ta' identifikazzjoni uniku ta' riżultat analitiku (ringiela tat-tabella tad-dejta) fil-fajl trażmess. Il-kodiċi tar-riżultat irid jinżamm fil-livell organizzattiv u se jintuża f'operazzjoni ulterjuri ta' aġġornament/tħassir mill-mandanti. |
| R.02 | analysisY | Is-sena tal-analiżi | xs:decimal (4,0) | | Is-sena meta tlestiet l-analiżi. |
| R.06 | paramCode | Il-kodiċi tal-parametru | xs:string (20) | PARAM | Parametru/analita tal-analiżi deskritta skont il-Kodiċi tas-Sustanza tal-katalogu PARAM. |
| R.07 | paramText | It-test tal-parametru | xs:string (250) | | Test liberu għad-deskrizzjoni tal-parametru. Dan l-element isir obbligatorju jekk "il-kodiċi tal-parametru" ikun "RF-XXXX-XXX-XXX" (Mhux fil-lista). |
| R.08 | paramType | It-tip tal-parametru | xs:string (5) | PARTYP | Indika jekk il-parametru rrappurtat huwa residwu/analita individwali, is-somma ta' definizzjoni ta' residwu jew parti minn somma. |
| R.12 | accredProc | Il-proċedura tal-akkreditazzjoni għall-metodu analitiku | xs:string (5) | MDSTAT | Proċedura ta' akkreditazzjoni għall-metodu analitiku użat. |
| R.13 | resUnit | L-unità tar-riżultat | xs:string (5) | UNIT | Ir-riżultati kollha għandhom ikunu rrappurtati bħala mg/kg. |
| R.14 | resLOD | Ir-riżultat tal-LOD | xs:double | | Limitu ta' detezzjoni rrappurtata fl-unità speċifikata mill-varjabbli "Unità tar-riżultat". |
| R.15 | resLOQ | Ir-riżultat tal-LOQ | xs:double | | Limitu ta' kwantifikazzjoni rrappurtat fl-unità speċifikata mill-varjabbli "Unità tar-riżultat". |
| R.18 | resVal | Il-valur tar-riżultat | xs:double | | Ir-riżultat tal-miżura analitika rrappurtat f'mg/kg jekk ir- resType = "VAL". |
| R.19 | resValRec | Irkupru tal-valur tar-riżultat | xs:double | | Valur ta' rkupru assoċjat mal-kejl tal-konċentrrazzjoni espressa bħala perċentwali (%). jiġifieri rrapporta 100 għal 100 %. |

| Il-Kodiċi tal-Element | Isem l-Element | It-Tabella tal-Element | It-Tip ta' dejta (1) | Terminoloġija kkontrollata | Deskrizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| R.20 | resValRecCorr | Il-valur tar-riżultat ikkoreġut għall-irkupru | xs:string (1) | YESNO | Iddefinixxi jekk il-valur tar-riżultat tranġa bil-kalkolu għall-irkupru. |
| R.21 | resValUncertSD | Devjazzjoni Standard mill-inċertezza tal-valur tar-riżultat | xs:double | | Devjazzjoni standard għall-miżura ta' inċertezza |
| R.22 | resValUncert | Inċertezza tal-valur tar-riżultat | xs:double | | Indika l-valur tal-inċertezza mwessa' (normalment inter-vall tal-konfidenza ta' 95 %) assoċjat mal-kejl espress fl-unità rrappurtata fis-sezzjoni "Unità tar-riżultat". |
| R.23 | moistPerc | Perċentwali ta' umdità fil-kampjun oriġinali | xs:double | | Perċentwali ta' umdità fil-kampjun oriġinali. |
| R.24 | fatPerc | Perċentwali ta' xaħam fil-kampjun oriġinali | xs:double | | Perċentwali ta' xaħam fil-kampjun oriġinali. |
| R.25 | exprRes | Espressjoni tar-riżultat | xs:string (5) | EXRES | Kodiċi li jiddeskrivi kif ir-riżultat irid ikun espress: Piż sħiħ, piż tax-xaħam, piż niexef, eċċ… |
| R.27 | resType | Tip ta' riżultat | xs:string (3) | VALTYP | Indika t-tip ta' riżultat, jekk jistax ikun ikkwantifikat/iddeterminat jew le. |
| R.28 | resLegalLimit | Limitu legali għar-riżultat | xs:double | | Irrapporta l-limitu legali għall-analita fil-prodott fil-kampjun |
| R.29 | resLegalLimitType | Tip ta' limitu legali | xs:string(5) | LMTTYP | It-tip tal-limitu legali applikat għall-valutazzjoni tar-riżultat. ML, MRPL, MRL, limitu ta' azzjoni eċċ. |
| R.30 | resEvaluation | Valutazzjoni tar-riżultat | xs:string (5) | RESEVAL | Indika jekk ir-riżultat jaqbiżx il-limitu legali. |
| R.31 | actTakenCode | Azzjoni li ttieħdet | xs:string (5) | ACTION | Iddeskrivi kwalunkwe azzjo-nijiet ta' segwitu li ttieħdu b'riżultat ta' eċċess tal-limitu legali. |
| R.32 | resComm | Kumment dwar ir-riżultat | xs:string (250) | | Kummenti addizzjonali għar-riżultat analitiku. |

(1) It-tip ta' dejta doppja tikkorrispondi għat-tip tal-punt mobbli 64-bit bi preċiżjoni doppja, il-punt deċimali jirrappreżenta numri deċimali bi preċiżjoni arbitrarja, it-tip ta' dejta bil-faxex jirrappreżenta faxex tal-karattri f'XML. It-tip ta' dejta xs: it-tipi ta' dejta doppji u dawk numeriċi li jippermettu separatur deċimali jirrikjedu li s-separatur deċimali jkun "." filwaqt li s-separatur deċimali "," mhuwiex permess.

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1275/2011

## tas-7 ta' Diċembru 2011

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-8 ta' Diċembru 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Diċembru 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz ([1]) | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | AL | 58,7 |
| | MA | 51,1 |
| | MK | 68,6 |
| | TN | 95,6 |
| | TR | 87,5 |
| | ZZ | 72,3 |
| 0707 00 05 | TR | 159,0 |
| | ZZ | 159,0 |
| 0709 90 70 | MA | 41,1 |
| | TR | 152,1 |
| | ZZ | 96,6 |
| 0805 10 20 | AR | 29,4 |
| | BR | 41,5 |
| | MA | 56,6 |
| | TR | 48,7 |
| | UY | 42,5 |
| | ZA | 55,6 |
| | ZZ | 45,7 |
| 0805 20 10 | MA | 81,2 |
| | ZZ | 81,2 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | HR | 32,0 |
| | IL | 76,9 |
| | JM | 129,1 |
| | TR | 78,6 |
| | ZZ | 79,2 |
| 0805 50 10 | TR | 54,3 |
| | ZZ | 54,3 |
| 0808 10 80 | CA | 120,5 |
| | CL | 90,0 |
| | CN | 71,1 |
| | US | 137,2 |
| | ZA | 180,1 |
| | ZZ | 119,8 |
| 0808 20 50 | CN | 56,5 |
| | TR | 133,1 |
| | ZZ | 94,8 |

([1]) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

III

*(Atti oħrajn)*

# DEĊIŻJONI TAL-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA

## Nru 34/10/COL

## tat-3 ta' Frar 2010

## li temenda, għad-79 darba, ir-regoli ta' proċedura u ta' sustanza fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat billi tintroduċi Kapitolu ġdid dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat b'relazzjoni mal-implimentazzjoni veloċi tan-netwerks bil-broadband

L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA [1],

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea [2], u partikolarment l-Artikoli 61 u 63 u l-Protokoll 26 tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja [3], u partikolarment l-Artikolu 24 u l-Artikolu 5(2)(b) tiegħu,

Billi:

Taħt l-Artikolu 24 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, l-Awtorità għandha ddaħħal fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim taż-ŻEE dwar l-għajnuna mill-Istat,

Skont l-Artikolu 5(2)(b) tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, l-Awtorità għandha toħroġ avviżi jew linji gwida dwar kwistjonijiet trattati fil-Ftehim taż-ŻEE, jekk dak il-Ftehim jew il-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti hekk jipprovdu espressament jew jekk l-Awtorità tikkunsidra li huwa meħtieġ,

Ir-Regoli Proċedurali u ta' Sustanza fil-Qasam tal-Għajnuna mill-Istat adottati fid-19 ta' Jannar 1994 mill-Awtorità [4],

Fit-30 ta' Settembru 2009, il-Kummissjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-Kummissjoni) ippubblikat Komunikazzjoni mill-Kummissjoni – Linji Gwida Komunitarji dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat b'relazzjoni mal-implimentazzjoni veloċi tan-netwerks bil-broadband [5],

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni hija wkoll rilevanti għaż-Żona Ekonomika Ewropea:

L-applikazzjoni uniformi tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat taż-ŻEE għandha tiġi żgurata fiż-Żona Ekonomika Ewropea kollha,

Skont il-punt II taħt l-intestatura "ĠENERALI" fl-aħħar tal-Anness XV tal-Ftehim taż-ŻEE, l-Awtorità għandha tadotta, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni, atti ekwivalenti ma' dawk adottati mill-Kummisssjoni,

L-Awtorità kkonsultat mal-Kummissjoni u l-Istati tal-EFTA permezz ta' ittri ddatati 22 ta' Jannar 2010 dwar is-suġġett (Avveniment Nri 543740, 543741 u 543742).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat għandhom jiġu emendati billi jiġi introdott Kapitolu ġdid dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat b'relazzjoni mal-implimentazzjoni veloċi tan-netwerks bil-broadband. Il-Kapitolu l-ġdid jinsab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

[1] Minn hawn 'il quddiem imsejħa l-Awtorità.
[2] Minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-Ftehim taż-ŻEE.
[3] Minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti.
[4] Il-Linji Gwida dwar l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tal-Artikoli 61 u 62 tal-Ftehim taż-ŻEE u l-Artikolu 1 tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, adottati u maħruġa mill-Awtorità fid-19 ta' Jannar 1994, ippubblikati fi *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* L 231 3.9.1994 p. 1 u s-Suppliment taż-ŻEE Nru 32 3.9.1994 p.1, kif emendat (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat"). Il-verżjoni aġġornata tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat tinsab fuq il-websjat tal-Awtorità: http://www.eftasurv.int/state-aid/legal-framework/state-aid-guidelines.
[5] ĠU L 235, 30.9.2009, p. 7.

*Artikolu 2*

Il-verżjoni bl-Ingliż biss hija awtentika.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Frar 2010.

*Għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA*

| | |
|---|---|
| Per SANDERUD | Kurt JÄGER |
| *President* | *Membru tal-Kulleġġ* |

*ANNESS*

## APPLIKAZZJONI TAR-REGOLI DWAR L-GĦAJNUNA MILL-ISTAT B'RELAZZJONI MAL-IMPLIMENTAZZJONI VELOĊI TAN-NETWERKS BIL-BROADBAND [1]

### 1. INTRODUZZJONI

(1) Il-konnettività mal-broadband hija komponent ewlieni għall-iżvilupp, l-adozzjoni u l-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (minn hawn 'il quddiem msejħa TIK) fl-ekonomija u fis-soċjetà. Il-broadband għandu importanza strateġika minħabba l-kapaċità tiegħu li jħaffef il-kontribut ta' dawn it-teknoloġiji għat-tkabbir u l-innovazzjoni fis-setturi kollha tal-ekonomija u għall-koeżjoni soċjali u territorjali. B'konformità mal-Istrateġija ta' Liżbona u komunikazzjonijiet sussegwenti [2] il-Kummissjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem msejħa l-Kummissjoni), l-Awtorità tappoġġa wkoll id-disponibbiltà wiesgħa tas-servizzi broadband għaċ-ċittadini Ewropej kollha.

(2) Wieħed għandu jfakkar li fil-*Pjan ta' Azzjoni dwar l-Għajnuna mill-Istat – Inqas għajnuna mill-Istat, u immirata aħjar: pjan direzzjonali għar-riforma tal-għajnuna mill-Istat 2005-2009* [3], *il-Kummissjoni nnotat li l-miżuri dwar l-għajnuna mill-Istat jistgħu, f'ċerti kundizzjonijiet, iservu bħala għodod effettivi għall-kisba ta' għanijiet ta' interess komuni*. B'mod partikolarit, l-għajnuna mill-Istat tista' tikkoreġi nuqqasijiet tas-suq, biex b'hekk ittejjeb il-funzjonament effiċjenti tas-swieq u tkattar il-kompetittività. Barra minn hekk, fejn is-swieq jipprovdu riżultati effiċjenti imma fejn dawn jiġu kkunsidrati bħala mhux sodisfaċenti mil-lenti tal-politika dwar il-koeżjoni, l-għajnuna mill-Istat tista' tintuża biex jinkiseb riżultat tas-suq li jkun aktar mixtieq u ġust. B'mod partikolari, intervent immirat sew mill-Istat fil-qasam tal-broadband jista' jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-"*qasma diġitali*" [4] li tifred inħawi jew reġjuni f'pajjiż fejn jiġu offruti servizzi tal-broadband kompetittivi u bi prezzijiet konvenjenti minn inħawi fejn wieħed ma jsibx dawn is-servizzi.

(3) Fl-istess ħin, wieħed għandu jiżgura li l-għajnuna mill-Istat ma toqtolx l-inizjattiva tas-suq fis-settur tal-broadband. Jekk l-għajnuna mill-Istat għall-broadband tintuża f'oqsma fejn l-operaturi tas-suq normalment jagħżlu li jinvestu jew diġà investew, dan jista' jaffettwa l-investimenti li jkunu diġà saru mill-operaturi tal-broadband bil-kundizzjonijiet tas-suq u jista' jimmina b'mod sinifikanti qabel xejn l-inċentivi tal-operaturi tas-suq biex jinvestu fil-broadband. F'każijiet bħal dawn, l-għajnuna mill-Istat għall-broadband tista' tispiċċa kontroproduttiva għall-mira li wieħed ikun jixtieq jilħaq. L-għan ewlieni tal-kontroll tal-għajnuna mill-Istat fil-qasam tal-broadband huwa li jiġi żgurat li l-miżuri ta' għajnuna mill-Istat jissarrfu f'livell ogħla ta' kopertura u penetrazzjoni tal-broadband, jew f'rata aktar mgħaġġla, milli kien ikun il-każ mingħajr l-għajnuna, u li jiġi żgurat li l-effetti tajbin tal-għajnuna jegħlbu l-effetti ħżiena tagħha f'termini ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni.

(4) Wieħed għandu jfakkar li l-qafas regolatorju għall-komunikazzjoni elettronika jittratta wkoll kwistjonijiet relatati mal-aċċess għall-broadband [5]. B'hekk, is-swieq tal-broadband bl-ingrossa s'issa huma suġġetti għal regolazzjoni *ex ante* fl-Istati tal-EFTA kollha [6]. Rigward dan, ittieħdu numru ta' inizzjattivi li jimmiraw biex jindirizzaw l-isfidi l-ġodda li jqajmu n-networks għall-aċċess tal-ġenerazzjoni li jmiss (minn hawn 'il quddiem msejħa NGA) [7] minn aspett regolatorju, partikolarment rigward kwistjonijiet ta' aċċess [8].

---

[1] Dan il-Kapitolu jikkorrispondi mal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni – Linji Gwida Komunitarji dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat b'relazzjoni mal-implimentazzjoni veloċi tan-netwerks bil-broadband (ĠU C 235, 30.9.2009, p. 7).

[2] Eżepju, "i2010 – Soċjetà Ewropea tal-Informazzjoni għat-tkabbir u x-xogħol (COM(2005)229 finali), l-1 ta' Ġunju 2005;eEurope 2005: Soċjetà tal-Informazzjoni għal kulħadd" (COM(2002) 263 finali), "It-tnaqqis tad-distakk eżistenti fir-rigward tal-broadband" (COM(2006) 129).

[3] COM(2005) 107 finali.

[4] Fl-aħħar perjodu ta' għaxar snin, it-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni saru aċċessibbli għall-pubbliku ġenerali u offruti lilu bi prezzijiet konvenjenti. It-terminu "*qasma diġitali*" jintuża l-aktar biex jiddefinixxi l-lakuna bejn dawk l-individwi u komunitajiet li għandhom aċċess għat-teknoloġiji tal-informazzjoni u dawk li m'għandhomx. Għalkemm hemm diversi raġunijiet għal din il-"*qasma diġitali*", l-aktar waħda importanti hija n-nuqqas ta' infrastruttura adegwata tal-broadband. Jekk wieħed iħares lejn id-dimensjoni reġjonali, il-grad ta' urbanizzazzjoni huwa fattur importanti għall-aċċess u għall-użu tat-TIK. Il-penetrazzjoni tal-internet, għalhekk, tibqa' ħafna aktar dgħajfa f'inħawi taż-Żona Ekonomika Ewropea fejn ma tantx joqogħdu nies.

[5] Ara l-Att msemmi fil-punt 5cl tal-Anness XI tal-Ftehim taż-ŻEE (id-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru) (ĠU L 108, 24.4.2002, p. 33)), l-Att msemmi fil-punt 5ck tal-Anness XI tal-Ftehim taż-ŻEE (id-Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva ta' Awtorizzazzjoni) (ĠU L 108, 24.4.2002, p. 21)) u l-Att msemmi fil-punt 5cj tal-Anness XI tal-Ftehim taż-ŻEE (id-Direttiva 2002/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-aċċess għal, u l-interkonnessjoni ta', networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati (Direttiva tal-Aċċess) (ĠU L 108, 24.4.2002, p. 7)) kif adottat għall-Ftehim taż-ŻEE bil-Protokoll 1 tiegħu.

[6] Ara d-deċiżjoni tal-Awtorità Norveġiża dwar il-Posta u t-Telekomunikazzjonijiet tat-3 ta' April 2009 dwar il-ħatra ta' impriżi b'poter tas-suq sinjifikanti u li timponi obbligi speċifiċi fis-suq għall-aċċess tal-broadband bl-ingrossa (is-suq 5); id-deċiżjoni tal-Amministrazzjoni tal-Posta u tat-Telekomunkazzjoni Nru 8/2008 ddatata t-18 ta' April 2008 dwar il-ħatra ta' impriżi b'poter tas-suq sinjifikanti u li timponi obbligi speċifiċi fis-suq għall-aċċess tal-broadband bl-ingrossa fl-Islanda u d-deċiżjoni tal-Uffiċċju għall-Komunikazzjonijiet tas-16 ta' Diċembru 2009 rigward ir-regolament speċifiku tas-settur dwar is-suq bl-ingrossa għall-aċċess tal-broadband fil-Liechtenstein.

[7] Għall-fini ta' dan id-dokument, in-netwerks tat-tip NGA huma netwerks ta' aċċess bil-fil li jikkonsistu għal kollox, jew f'partijiet minnhom, minn elementi ottiċi u li huma kapaċi jwasslu s-servizzi ta' aċċess għall-broadband b'karatteristiċi mtejba (bħal ammont ikbar ta' dejta pproċessata) meta mqabbla ma' dawk fornuti permezz tan-netwerks eżistenti tar-ram (ara wkoll hawn taħt in-nota 58 ta' qiegħ il-paġna).

[8] Ara l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar aċċess regolat għan-Netwerks għall-Aċċess tal-Ġenerazzjoni li Jmiss (NGA), fi http://ec.europa.eu/information_society/policy/ecomm/doc/library/public_consult/nga/dr_recomm_nga.pdf u l-Istqarrija tal-Grupp tar-Regolaturi Ewropej dwar l-iżvilupp tal-Aċċess għall-NGA, Ġabra (08) 68, fi http://www.erg.eu.int/doc/publications/erg_08_68_statement_on_nga_devolopment_081211.pdf;

(5) Il-Kapitolu preżenti jelenka l-politika tal-Awtorità meta tiġi biex tapplika r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat tal-Ftehim taż-ŻEE għal miżuri li jsostnu l-implimentazzjoni ta' netwerks tal-broadband tradizzjonali, abbażi l-prattika deċiżjonali attwali tal-Kummissjoni (Taqsima 2) u wkoll jindirizzaw għadd ta' kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-evalwazzjoni ta' miżuri li jkollhom l-għan li jħeġġu u jsostnu l-introduzzjoni ta' malajr u opportuna tan-netwerks tat-tip NGA (Taqsima 3).

(6) L-Awtorità se tapplika l-linji gwida mniżżla f'dan il-Kapitolu fl-evalwazzjoni ta' għajnuna mill-Istat għall-broadband, u b'hekk tkabbar iċ-ċertezza legali u t-trasparenza tal-prattika deċiżjonali tagħha.

## 2. IL-POLITIKA TAL-AWTORITÀ DWAR L-GĦAJNUNA MILL-ISTAT GĦALL-PROĠETTI TAL-BROADBAND

### 2.1. **L-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat**

(7) Fil-prattika deċiżjonali tagħha, il-Kummissjoni ħadet pożizzjoni favorevoli rigward miżuri statali għall-implimentazzjoni tal-broadband għal inħawi rurali u mhux moqdijin tajjeb, filwaqt li kienet aktar kritika fejn jidħlu miżuri ta' għajnuna f'inħawi fejn diġà teżisti infrastruttura tal-broadband u diġà hemm il-kompetizzjoni. Fejn l-intervent mill-Istat, biex tiġi sostnuta l-implimentazzjoni tal-broadband, jissodisfa l-kundizzjonijiet tal-għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonalment tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem msejjaħ TFUE), ekwivalenti għall-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE, s'issa l-kompatibbiltà tiegħu ġiet ivvalutata mill-Kummissjoni prinċipalment taħt l-Artikolu 107(3) tat-TFUE, ekwivalenti għall-Artikolu 61(3) tal-Ftehim taż-ŻEE. Il-politika tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat fejn jidħlu miżuri statali biex tiġi sostnuta l-implimentazzjoni tan-netwerks tal-broadband hija mqassra fit-Taqsimiet 2.2 u 2.3 hawn taħt.

### 2.2. **Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE jaqra: Preżenza ta' għajnuna**

(8) Skont l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE, *"kwalunkwe għajnuna mogħtija minn Stati Membri tal-KE, minn Stati tal-EFTA jew permezz ta' riżorsi tal-Istat fi kwalunkwe forma li tfixkel jew thedded li tfixkel il-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti, sakemm taffettwa l-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti, għandha tkun inkompatibbli mat-tħaddim ta' dan il-Ftehim"*. Minn dan jirriżulta li sabiex miżura tikkwalifika bħala għajnuna mill-Istat, iridu jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:

(a) il-miżura trid tingħata mir-riżorsi mill-Istat,

(b) trid tagħti vantaġġ ekonomiku lil impriżi,

(c) il-vantaġġ irid ikun selettiv u ta' distorsjoni jew jhedded li jagħmel distorsjoni tal-kompetizzjoni,

(d) il-miżura trid tolqot lill-kummerċ fi ħdan iż-Żona Ekonomika Ewropea.

(9) Is-sostenn pubbliku tal-proġetti tal-broadband bosta drabi jinvolvi l-preżenza ta' għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE ([9]).

(10) L-ewwel nett, il-miżuri tipikament ikunu jinvolvu r-riżorsi mill-Istat, (ngħidu aħna, fejn l-Istat isostni proġetti tal-broadband permezz ta' sussidji, tnaqqis tat-taxxi jew tipi oħra ta' kundizzjonijiet preferenzjali ta' finanzjament) ([10]).

(11) It-tieni, fejn jidħol is-sostenn mogħti għal attività ekonomika, miżuri statali li jsostnu proġetti tal-implimentazzjoni tal-broadband s-soltu jindirizzaw it-twettiq ta' attività ekonomika (bħall-bini, it-tħaddim, u l-għoti tal-aċċess għall-infrastruttura tal-broadband inklużi l-faċilitajiet backhaul u t-tagħmir ta' mal-art, bħal dawk fissi, terrestri mingħajr fil, bl-użu ta' satellita, jew taħlita ta' dawn). Madankollu, f'każijiet eċċezzjonali fejn in-netwerk iffinanzjat b'dan il-mod ma jintużax għal skopijiet kummerċjali (eżempju, jekk in-netwerk jipprovdi aċċess għall-broadband biss lil websajts, servizzi u tagħrif li ma jkunux kummerċjali) ([11]), tali intervent mill-Istat ma jkunx jinvolvi l-għotja ta' vantaġġ ekonomiku lil impriżi, u konsegwentement ma tkunx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE.

([9]) Għal lista tad-deċiżjonijiet kollha li ħadet il-Kummissjoni skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat fil-qasam tal-broadband, ara http://ec.europa.eu/competition/sectors/telecommunications/broadband_decisions.pdf

([10]) Ara wkoll it-Taqsima 2.2.1. dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-investitur fl-ekonomikja tas-suq.

([11]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Mejju 2007 fil-Kawża NN 24/07 – *Ir-Repubblika Ċeka, Netwerk Muniċipali Mingħajr Fil ta' Praga*.

(12) It-tielet, fir-rigward tal-għoti ta' vantaġġ, l-għajnuna s-soltu tingħata direttament lill-investituri ([12]) tan-netwerk, li fil-biċċa l-kbira tal-każi jintgħażlu permezz ta' sejħa miftuħa għall-offerti ([13]). Filwaqt li l-użu ta' sejħa għall-offerti jiżgura li kwalunkwe għajnuna tkun limitata għall-ammont minimu meħtieġ għall-proġett partikulari, is-sostenn finanzjarju jista' jippermetti lill-appaltatur li jirnexxi jwettaq attività kummerċjali b'kundizzjonijiet li, kieku, ma kinux ikunu disponibbli fis-suq. Benefiċjarji indiretti jistgħu jinkludu operaturi terzi li jiksbu aċċess bl-ingrossa għall-infrastruttura li tkun inbniet b'dan il-mod, kif ukoll negozji li jitqabbdu mal-broadband b'termini u kundizzjonijiet li ma japplikawx mingħajr l-intervent mill-Istat ([14]).

(13) Ir-raba', fir-rigward tal-kriterju tas-selettività, miżuri statali li jsostnu l-implimentazzjoni ta' netwerks tal-broadband huma min-natura tagħhom selettivi minħabba li jimmiraw għal impriżi li huma attivi biss f'ċerti reġjuni jew f'ċerti partijiet tas-suq ġenerali tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi. Barra minn hekk, rigward id-distorsjoni tal-kompetizzjoni, l-intervent mill-Istat għandu t-tendenza li jibdel il-kundizzjonijiet eżistenti tas-suq, b'mod li għadd ta' ditti jagħżlu li jinqdew bis-servizzi pprovduti mill-fornituri magħżula minflok bis-soluzzjonijiet alternattivi msejsa fuq is-suq li jkunu aktar għaljin ([15]). Għalhekk, il-fatt innifsu li servizz tal-broadband jsir disponibbli, jew jekk ikun offrut bi prezz orħos milli kien ikun il-każ kieku ma kienx hemm l-intervent mill-Istat, ikollu effett ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni. Barra minn hekk, is-sostenn għall-broadband jista' jnaqqas il-possibbiltá ta' qligħ u jaqta' barra l-investiment mill-parteċipanti tas-suq li, f'sitwazzjoni differenti, kienu jkunu lesti jinvestu fl-inħawi li għaliha jkun immirat is-sostenn, jew f'partijiet minnha.

(14) Fl-aħħar nett, safejn l-intervent mill-Istat jista' jaffettwa lill-fornituri tas-servizzi minn Stati taż-ŻEE oħrajn, ikollu wkoll effett fuq il-kummerċ ladarba s-swieq għas-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi (inklużi s-swieq bl-ingrossa u bl-imnut tal-broadband) huma miftuħin għall-kompetizzjoni bejn l-operaturi u l-fornituri tas-servizz ([16]).

2.2.1. *L-assenza ta' għajnuna: l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-investitur fl-ekonomija tas-suq*

(15) Fejn l-Istat isostni l-introduzzjoni tal-broadband permezz ta' partecipazzjoni azzjonarja jew injezzjoni ta' kapital fil-kumpanija li tkun se twettaq il-proġett, jinħtieġ li ssir evalwazzjoni dwar jekk dan l-investiment ikunx jinvolvi għajnuna mill-Istat. Skont il-prinċipju tat-trattament ugwali jirriżulta li l-kapital imqiegħed mill-Istat, direttament jew indirettament, għad-dispożizzjoni ta' impriża f'ċirkustanzi li jikkorrispondu għal kundizzjonijiet normali tas-suq ma jistax jiġi kkunsidrat bħala għajnuna mill-Istat.

(16) Meta l-parteċipazzjoni azzjonarja jew l-injezzjoni ta' kapital minn investitur pubbliku ma tagħtix biżżejjed prospetti ta' possibbiltà ta' qligħ, lanqas fuq medda twila ta' żmien, tali intervent għandu jiġi kkunsidrat bħala għajnuna skont it-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE, u l-kompatibbiltà tiegħu mas-suq komuni għandha tiġi evalwata biss fuq il-bażi tal-kriterji preskritti f'dik id-dispożizzjoni ([17]).

(17) Il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-investitur privat fl-ekonomija tas-suq fil-qasam tal-broad-band fid-deċiżjoni tagħha ta' Amsterdam ([18]). Kif enfasizzat f'din id-deċiżjoni, il-konformità ta' investiment pubbliku mat-termini tas-suq trid tintwera bl-akbar reqqa u b'mod komprensiv, jew permezz ta' parteċipazzjoni sinifikanti ta' investituri privati jew inkella permezz tal-eżistenza ta' pjan għaqli tan-negozju li juri redditu adegwat fuq l-inves-timent. Fejn fil-proġett jieħdu sehem investituri privati, hija kundizzjoni sine qua non li jkunu jridu jassumu r-riskju kummerċjali marbut mal-investiment bl-istess termini u kundizzjonijiet tal-investitur pubbliku.

([12]) It-terminu "*investituri*" jindika impriżi jew operaturi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi li jinvestu fil-bini u l-implimentazzjoni ta' infras-truttura tal-broadband.

([13]) Il-Kummissjoni approvat każ wieħed biss ta' miżura li ma kinitx tinvolvi sejħa miftuħa għall-offerti iżda li kienet tinvolvi skema ta' kreditu tat-taxxa biex issostni l-introduzzjoni tal-broadband f'inħawi mhux moqdijin tajjeb tal-Ungerija. Ara d-Deċiżjoni N 398/2005 – L-Ungerija "*Żvilupp ta' Benefiċċju tat-Taxxa għall-Broadband*".

([14]) Eżempju, ara, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni N 570/2007 – Il-Ġermanja, *Il-Broadband fl-inħawi rurali ta' Baden-Württemberg*. Id-Deċiżjoni N 157/06 – Ir-Renju Unit, *Proġett tal-Broadband tar-Reġjun Diġitali ta' South Yorkshire*; Id-Deċiżjoni N 262/06 – L-Italja, *Broadband għat-Toskana rurali*; Id-Deċiżjoni N 201/06 – Il-Greċja, *Żvilupp għall-aċċess tal-Broadband f'territorji li mhumiex moqdijin tajjeb*; u d-Deċiżjoni N 131/05 – Ir-Renju Unit, *Proġett tal-Broadband FibreSpeed f'Wales*. Dawk li jużaw is-servizz f'residenzi, għalkemm huma wkoll benefiċjarji ta' tali miżuri, mhumiex suġġetti għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat minħabba li la huma impriżi u lanqas operaturi ekonomiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE.

([15]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni N 266/2008 – Il-Ġermanja, *Il-broadband fl-inħawi rurali ta' Bayern*.

([16]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni N 237/2008 – Il-Ġermanja, *Sostenn għall-broadband f'Niedersachsen*

([17]) Kawża C-303/88, *l-Italja vs il-Kummissjoni*, [1991] Ġabra p. I-1433, fil-paragrafi. 20-22.

([18]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2007 fil-każ C 53/2006 *Citynet Amsterdam - investiment mill-belt ta' Amsterdam f'netwerk tat-tip fibre-to-the home (FTTH)*, ĠU L 247, 16.9.2008, p. 27. Il-każ kien dwar il-bini ta' netwerk ta' aċċess għall-broadband, tat-tip "*Fibre-to-the-Home*" (FTTH), li jqabbad 37 000 dar f'Amsterdam, li kienu diġà moqdijin b'diversi netwerks kompetituri tal-broadband. Il-muniċipalita ta' Amsterdam kienet qatgħetha li tinvesti fis-saff passiv tan-netwerk flimkien ma' żewġ investituri privati u ħames korporazzjonijiet tal-akkomodazzjoni. L-infrastruttura passiva kienet tippossediha u timmaniġġjaha entità separata li l-muniċipalità ta' Amsterdam kellha f'idejha terz tal-ishma tagħha, żewġ investituri privati oħra ("ING Real Estate" u "Reggefiber") kellhom terz iehor, filwaqt li korporazzjonijiet tal-akkomodazzjoni kellhom it-terz li jifdal.

2.2.2. *L-assenza ta' għajnuna: Kumpens għal servizzi pubbliċi u l-kriterji ta' Altmark*

(18) F'ċerti każi, l-Istati tal-EFTA jistgħu jikkunsidraw li l-forniment ta' netwerk tal-broadband għandu jiġi kkunsidrat bħala servizz ta' interess ekonomiku ġenerali (minn issa 'il quddiem imsejjaħ SIEĠ) skont it-tifsira tal-Artikolu 59(2) tal-Ftehim taż-ŻEE ([19]).

